MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-26 ta' Jannar, 2005

Appell Civili Numru. 7/2004

**Joseph Mercieca**

**vs**

**Water Services Corporation**

**Il-Qorti,**

Fis-26 ta' Lulju, 2004, it-Tribunal Industrijali ppronunzja s-segwenti sentenza preliminari fl-ismijiet premessi:-

"It-Tribunal Industrijali,
ra s-sottomissjonijiet tal-partijiet,
ra d-dokumenti esebiti,
ra jekk l-appellant kienx taht kuntratt definit jew indefinit,
Jiddikjara illi l-appellant kien taht kuntratt ghal zmien indefinit."

Il-Korporazzjoni tal-Water Services appellat lil dina l-Qorti bl-aggravji illi d-decizjoni tat-Tribunal Industrijali kienet nieqsa minn motivazzjoni u li inoltre dak it-Tribunal ma kellux gurisdizzjoni biex jiehu konjizzjoni tal-meritu u jiddeciedi dwaru;

Qabel ma tkun f' qaghda li tiddefinixxi dawn l-aggravji jehtieg li qabel xejn li tiddeciedi l-impediment procedurali sollevat mill-appellat Joseph Mercieca fit-twegiba ta' l-appell tieghu fis-sens li l-appell interpost ma huwiex konformi mad-dettami ta' l-Artikolu 229 u 231 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili;

Il-Qorti tibda biex taghmel dawn l-osservazzjonijiet preliminari:

(1) L-Att XXII ta' l-2002 (Kapitolu 452) jahseb fl-ewwel lok illi t-Tribunal ikollu dawk is-setghat li bil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili huma moghtija lill-Qorti Civili, Prim' Awla [Artikolu 77 (1)]. Jissokta jigi provvdut illi l-ezekuzzjoni tas-sentenzi u decizjonijiet tat-Tribunal ssir bil-mod preskritt fl-Att imsemmi u bil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili [Artikolu 82 (4)]. Dawn, flimkien ma' disposizzjonijiet ohra ta' l-istess Att, jaghmluha cara illi l-Kapitolu 12 hu rez applikabbli ghal materji konsiderati mit-Tribunal adit;

(2) Ma jidherx li jista' jkun dubitat illi l-appell taht konsiderazzjoni hu minn sentenza preliminari u mhux minn digriet. Dan huwa espressament dikjarat fl-istess decizjoni (fol. 92) u fil-minuti tas-seduta tas-26 ta' Lulju 2004 (fol. 91) u accettat bhala fatt fir-rikors ta' l-appell tal-Korporazzjoni appellanti. Li jfisser allura illi l-invokazzjoni ta' l-appellat ghad-dispost ta' l-Artikolu 229, Kapitolu 12, ma tregix in kwantu dan l-artikolu jirreferi eskluzivament ghall-appelli minn digrieti;

(3) Effettivament, il-pronunzjament tat-Tribunal hu veru sentenza. Fiha intqal illi t-Tribunal wara li ezamina d-dokumenti esebiti u evalwa s-sottomissjonijiet tal-partijiet

iddikjara fuq l-eccezzjoni preliminarji sollevata mill-Korporazzjoni illi l-impjegat appellant quddiemu kien taht kuntratt ghal zmien indefinit. Din hi vera sentenza in kwantu *terminat negotium de quo agitur* fuq dan il-punt u dik id-decizjoni ma setghetx ghalhekk tigi revokata mit-Tribunal li emettiha;

Premessi dawn il-konsiderazzjonijiet preliminari huwa ghalhekk ben ovvju illi l-kwestjoni trid tigi nkwadrata u ezaminata fit-termini ta’ l-Artikolu 231 tal-Kapitolu 12;

Huwa fatt illi l-emendi ghal Kodici ta' Procedura introdotti bl-Att XXIV ta’ l-1995 inkludew provvedimenti mahsuba biex jassiguraw li l-proceduri gudizzjarji ma jigux imfixkla kapriccjozament b’ incidenti jew decizjonijiet parzjali li jipprovokaw appelli minn dawn l-istess decizjonijiet in parti jew minn digrieti fl-andament tal-kawza. Huwa car hafna illi l-iskop primarju tal-legislatur li ntroduca dawn l-emendi kien dak li kemm jista’ jkun l-appell lil din il-Qorti jkun ristrett ghal kaz ta’ sentenzi definittivi. L-Artikolu 231 surreferit huwa wiehed minn dawk kolpit b’ dawn l-emendi;

*Inter alia*, huwa issa mahsub b’ mod esplicitu bil-proviso tal-precitat Artikolu 231 illi “appell minn dawk is-sentenzi separati jista’ jsir qabel l-ahhar sentenza biss <u>bil-permess tal-qorti </u>moghti fil-qorti bil-miftuh; u din it-talba ghal permess biex isir appell ghandha ssir jew verbalment meta tinghata s-sentenza jew b’ rikors fi zmien sitt ijiem minn dik is-sentenza.”;

Jirrizulta mill-inkartament tal-kaz quddiem it-Tribunal illi tali permess la ntalab verbalment (ara Minuti tas-seduta tas-26 ta’ Lulju 2004) u lanqas b’ rikors. Anzi jidher li l-Korporazzjoni appellanti pprocediet bl-appell taghha direttament quddiem din il-Qorti. Jitnissel minn dan illi dak dispost tassattivament fl-imsemmi proviso ta’ l-Artikolu 231 gie mill-Korporazzjoni ghal kollox injorat. Jigi ghalhekk illi l-ghazla adottata mill-Korporazzjoni jirrendi l-

appell taghha irritwali in kwantu din ma segwietx il-vot tal-ligi ta’ kif kellha tigi, b’ obbligu, segwita l-*iter* procedurali f’ dan il-kaz;

Ferma din il-konsiderazzjoni, l-eccezzjoni sollevata mill-appellat tirrizulta manifestament fondata.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi dikjarat irritwali u null u l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tieghu. L-ispejjez ghandhom jitbatew mill-Korporazzjoni appellanti. Finalment qed tirrinvija l-inkartament lit-Tribunal ghall-kontinwazzjoni u decizjoni fil-meritu.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------